MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Frar, 2015

Avviz Numru. 130/2010

**Mediterranean Building Finishes Limited (C-13077)**

**vs**

**Andrew u Elizabeth konjugi Farrugia f'isimhom proprju**

**u f'isem u in rappresentanza tas-socjeta'**

**Far-Fetched Media Limited (C-23558)**

**Il-Qorti,**

Rat illi s-socjeta' attrici pprezentat rikors fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-21 ta' April 2010 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihallsuha is-somma ta' tmint elef u wiehed u tletin Ewro u sittax-il centezmu (€8,031.16) liema somma tinkludi l-VAT relattiv, rapprezentanti il-bilanc ta' prezz ta' xoghlijiet u servizzi li gew ezegwiti mill-istess socjeta' attrici fuq inkarigu u ghall-beneficcju taghhom fil-proprjeta' bl-isem ta 'The Studios' gewwa Mdina Road, Zebbug.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Ittra Ufficcjali numru 4823/09 tat-3 ta' Settembru 2009 u bl-imghax dekorribli b'effett mill-5 ta' Marzu 2008 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-18 ta' Gunju 2010 fejn eccepew is-segwenti:

1. *"Illi fl-ewwel lok jigi eccepit li l-konvenuti Andrew u Elizabeth konjugi Farrugia qatt ma kellhom relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u konsegwentement ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.*
2. *Illi fit-tieni lok, din il-kawza hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili Kap 16.*
3. *Illi minghajr pregudizzju ghal dak eccepit in rigward il-konvenuti konjugi Farrugia u l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, fil-mertu jigi eccepit illi x-xoghlijiet maghmula ma kienux tal-kwalita' pattwita u skond is-sengha u l-arti u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza."*

**Keith Camilleri** xehed fil-jum tal-10 ta' Jannar 2011 u kkonferma li ftehim bil-miktub bejn is-socjetajiet kontendenti ma kienx hemm. Effettivament qal li kien hemm ftehim verbali u sussegwentement is-socjeta' attrici kienet baghtet stima permezz ta' e-mail. Ix-xoghol effettivament kellu jsir Haz-Zebbug u tenna li kien jaf illi l-post kien ha jintuza bhala TV station. Ikkonferma li kien jaf lil Andrew Farrugia qabel ma saru ix-xoghlijiet mertu tal-kawza odjerna. Kien jafu l-Exiles pero' mhux fuq negozju. Kien jaf pero' li Smash Television kien tieghu ghalkemm Keith Camilleri qal li personalment qatt ma ghamel xoghol ghalih u qal li lanqas is-socjeta' attrici ma qatt tat xoghol ta' reklamar lil Smash Television. Sostna pero' li huwa mhux Direttur tal-kumpanija attrici Mediterranean Building Finishes Ltd. Jaf illi xi hmistax–il sena ilu s-socjeta' Mediterranean Building Finishes Ltd kienet ghamlet xi xoghol ta' reklamar tramite Andrew Farrugia.

Keith Camilleri kkonferma illi huwa minnu li parti mill-prezz ta' Dok. X kellu jithallas permezz ta' bartering ta' reklamar fuq il-Family TV u qal li kien iltaqa' kemm mas-Sur Farrugia, kif ukoll mal-mara tieghu u ma certu Vince Mifsud fuq dan ix-xoghol. Fil-fatt l-istima li kien baghat lis-Sur Farrugia kien baghathielu l-Family TV ghax kien jaf li dan ix-xoghol kellu x'jaqsam mal-Family TV. Ix-xogholijiet in kwistjoni damu ghall-perjodu ta' xahrejn. Tul dawn ix-xahrejn Andrew Farrugia qatt ma semmielu s-socjeta' Far-Fetched Media Ltd. Qatt ma kien sema' biha f'dan il-perjodu. Huwa kien taht l-impressjoni li Family TV kien stazzjon bhall-MTV. Ex admissis qal li lil Andrew Farrugia kien jafu bhala l-boss tal-kumpanija.

**<u>Keith Camilleri</u>** rega' xehed nhar il-11 ta' Mejju 2011 fil-kapacita' tieghu ta' *project manager* tas-socjetà attrici u sostna li huwa kien involut fix-xoghol li sar Haz-Zebbug u segwih sa mill-bidu nett meta effettivament kien hareg l-istima fuq imsemmija. Ikkonferma illi ghan-nom tas-socjeta' attrici kien ftiehem ma' Andrew Farrugia li kien ser jithallas tax-xoghol permezz ta' barter. Dan kien ifisser illi x-xoghol li kien se jsir mis-socjetà attrici kellu jiġi pacut ma' xogħol ta' advertising tal-istess socjetà Mediterranean Building Finishes Limited fuq l-istazzjon Family TV, propjetà ta' Andrew Farrugia.

Keith Camilleri tenna illi dan il-ftehim kien sar man mano li kien qed isir ix-xoghol u sussegwentement hareg kont lis-socjetà Far-Fetched Media Limited u kien qata' parti mill-kont minhabba l-barter li semma aktar kmieni. Dan il-kont huwa dak esebit fl-atti mmarkat bhala dokument "X" a fol. 11 et sequitur. Il-kont kien mahrug lill-Familja Channel. Jghid illi qatt ma kien sema' bis-socjetà Far-Fetched Limited sa dak iz-zmien li hareg dan il-kont . Il-kont in kwistjoni jgib id-data 5 ta' Marzu 2008. Fuq il-parti ta' wara ta' dan il-kont hemm imsemmi l-istess barter li semma aktar kmieni, liema barter kien jammonta ghas-somma ta' elfejn Ewro (€2,000).

Wara beda jitlob lil Andrew Farrugia sabiex jaghmel il-pagament dovut. Andrew kien jitolbu biex itih iz-żmien. Lilu Andrew qatt ma semmielu kumpaniji. Fil-fehma tieghu Family TV huwa stazzjon fuq it-television u fid-dealings taghhom dejjem issemmiet il-Family TV.

**In kontro-ezami Keith Camilleri** qal li huwa qatt ma kien ra d-dokument li jinsab inserit fl-atti a fol 33. Ikkonferma pero' li l-barter kien sar, ghaliex kien ra l-advert fuq l-istazzjon, però kkonferma li qatt ma kien ircieva l-invoice li

tinsab a fol. 33 minghand il-konvenut. Jiftakar illi bint l-impjegat ta' Andrew Farrugia kien mar ghandu u tah invoice u kien iffirmaha. Kien iffirma li parti mix-xoghol kien se jsir in kontro-kambju ta' barter . Mistoqsi jekk ghandux kopja, qal illi jrid jaghmel il-verifiki tieghu.

Illi nhar l-10 ta' Jannar 2011 xehed **Andrew Farrugia** fil-kariga tieghu ta' direttur mas-socjeta' Far-Fetched Media Ltd. Qal li din il-kumpanija kellha bussiness ta' radio u television. Kienu jhadmu t-television station maghruf bhala Family TV u dana kien jopera minn fond gewwa Haz-Zebbug. Ikkonferma li ghan-nom u fl-interess tal-kumpinija Far-Fetched Media Ltd kien qabbad lis-socjeta' attrici sabiex taghmel xi xoghlijiet. Dana kellu jsir f'Haz-Zebbug fil-fond fejn aktar tard kellu jkun hemm it-television station. Andrew Farrugia ddikjara li huwa personalment qatt ma kellu x'jaqsam mas-socjeta' Mediterranean Building Finishes Ltd. Jiftakar li kien mar Keith Camilleri, li kien jafu minn band'ohra, sabiex jara x-xoghol li kellu jsir f'Haz-Zebbug u kien tahom stima.

Jghid li qabel kienu jiehdu hsieb stazzjon televisiv iehor maghruf bhala Smash TV u Keith Camilleri kien klijent regolari taghhom f'isem il-kumpanija tieghu Mediterranean Building Finishes Ltd. Kien klijent ta' Far-Fetched Media Ltd ukoll meta kienu ghadhom jiggestixxu Smash TV. Jghid li kien informa lil Keith Camilleri dwar l-post ta' Haz-Zebbug fejn kien qed jahdem u cioe' li kien ser ikun television station.

Andrew Farrugia kkonferma li l-ewwel kuntatt li kellu kien ma' Keith Camilleri u kien talbu jmur fuq il-post Haz-Zebbug fejn kien ha jkun hemm it-television station pero' ma kienx qallu li hija ta' Far-Fetched Ltd. Ir-relazzjoni tieghu ma'

Keith dejjem kienet bhala Far-Fetched Media Ltd. Tenna li fil-fatt s-socjeta' attrici kellha tithallas ghax-xoghol li kienet qed taghmel ghas-socjeta' konvenuta permezz ta' barter u cioe' xoghol ta' reklamar minn naha taghhom li effettivament u sussegwentament kien sar ukoll.

Fil-fatt, persentagg mix-xoghol, mill-flus dovuti kellhom jirrappresentaw xoghol ta' reklamar li kienu inkarigaw ruhhom li jghamlu. Naturalment reklamar fuq l-stazzjon televisiv tas-socjeta' Far-Fetched Media Ltd u mhux minnu personali. Ghalhekk qal li fil-fehma tieghu, is-socjeta' attrici, meta ghamlet ix-xoghol kienet taf li dan kien ghas-socjeta' Far-Fetched Media Ltd. Dwar jekk sarx xi stima bil-miktub qabel beda x-xoghol qal li ma jiftakarx. Jaf pero li gie prezentat kont finali. Fuq il-kont Dok 'X' a fol. 11 ma jidhirx li hemm socjeta' Far-Fetched Media Ltd indikata pero' ma hemmx isem haddiehor. Il-kont hareg mill-accounts department u ma jiehux hsiebu hu. Mitlub jekk hax hsieb li l-kont johrog taht isem partikolari qal li ma tax kaz u dan ghaliex kien ra il-kelma Family Channel fuq dan id-dokument u ghalhekk haseb li kien ta' Far-Fetched Media Ltd ghaliex dawn kienu *one and the same*.

Mistoqsi jekk ghamilx xi pagamenti akkont ta' dan ix-xoghol, sostna li sa fejn jiftakar, ma ghamilx pagament. Is-sit fejn effettivament sar ix-xoghol ma jippartjeni la lilu u lanqas lis-socjeta' Far-Fetched Media Ltd. Far-Fetched Media Ltd kienet tikri l-fond minghand Modern Image Ltd.

**Andrew Farrugia** rega' xehed nhar it-30 ta' Marzu 2011 u esebixxa invoice datata disgha (9) ta' Jannar 2009 fl-ammont ta' elfejn tlett mija u sittin Ewro (€2,360) mahruga mis-socjetà attrici rigwardanti *set-off* ta' barter. Il-Family TV kien ghamel transmission f'isem is-socjeta' attrici . Il-Mediterranean Building

Finishes Limited kienu sponsors u kienu ghamlu set-off. Dan id-dokument gie mmarkat bhala dokument "F". Is-set off kien sar max-xoghol li ghamlu lill-Family TV. Ix-xoghol li kien sar huwa mertu tal-kawza tal-lum. Esebixxa wkoll licenzji tal-Awtorità tax-Xandir li gew immarkati bhala dokument "G" mahruga f'isem Far-Fetched Media Limited biex topera l-istazzjon Family TV.

Rat l-affidavit tal-konvenuta **Elizabeth Farrugia** mahluf nhar is-27 ta' Frar 2011 (fol. 30) u minn ezami ta' l-istess jirrizulta li hija, bhala Direttrici tas-socjeta' Far-Fetched Media Limited saret taf bis-socjeta' attrici bhala klijenta taghhom meta bdew jagixxu bhala booking agents taghhom ma Smash TV. Sussegwentement regghet semghet bihom meta irceviet il-kont tax-xoghol li kien qed isir f'Haz-Zebbug ghas-somma ta' elfejn Ewro (€2000) oltre VAT skond l-invoice esebita datata 9 ta' Jannar 2008 u mmarkata bhala Dok 'F'. Tikkonferma pero' li hija ma kellha l-ebda kuntatt ma xi rappresentant ta'din is-socjeta attrici.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mis-socjeta' attrici nhar l-14 ta' Ottubru 2011 (fol. 44) u dik ipprezentata mill-konvenuti nhar l-4 ta' Novembru 2011 (fol. 49) u dan dejjem dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Andrew u Elizabeth konjugi Farrugia li huma mhumiex il-legittimi kontradittturi f'dan il-kaz fil-vesti taghhom personali.

Rat is-sentenza preliminari moghtija minnha fl-ismijiet prmessi nhar it-23 ta' Novembru 2011, kif ukoll is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar il-15 ta' Mejju 2012 fejn dik il-Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u iddikjarat l-istess konvenuti Andrew u Elizabeth Farrugia bhala legittimi kontraditturi u ordnat li din il-Qorti tkompli bis-smiegh tal-provi.

Rat ix-xhieda ta' **Keith Camilleri** tal-21 ta' Novembru 2012 fejn iddikjara li l-*quotation* esebita fl-atti a fol 11 u 12 ghalkemm hija ffirmatha minn missieru Kevin Camilleri, din saret mix-xhud u ghalhekk jinsab f'pozizzjoni li jwiegeb ghad-domandi relattivi dwarha. Huwa spjega li effettivament id-Dok X a fol 11 huwa statement li hareg wara li sar il-progett. Fil-fehma tax-xhud l-istatement huwa kont. Fl-ewwel parti ta' din il-quotation hemm indikazzjoni u deskrizzjoni dwar ix-xogholijiet li kienu ordnati fil-bidu,  waqt li fit-tieni parti fejn hemm miktub *"extra items have nothing to do with the above"*, huma x-xogholijiet li saru a mano waqt li kien qed isir ix-xoghol.

Mistoqsi jekk hu ghandux xi quotation dwar ix-xoghol inizjali li kienu ftehmu dwaru, qal li ghandu u esebixxa kopja li l-Qorti mmarkat bhala dokument X1. Huwa stqarr li l-affarijiet indikati fid-dokument X1 huma indikazzjoni tal-affarijiet li kien staqsieh dwarhom fil-bidu Andrew Farrugia meta huma bdew bix-xoghol. Huwa minnu li f'dan id-dokument, ma hemmx indikat l-isem tal-klijent u cioe' il-konvenut, pero' hemm email fejn hemm annessa din l-istess quotation.

Ix-xhud ikkonferma pero' li dan id-dokument X1 kien gie mibghut lill-istess konvenut u pprometta li jesebixxi kopja ta' din l-email f'seduta ohra. Huwa spjega li l-iskont ta' elfejn ewro huwa msemmi fil-quotation originali X1. Meta lestew il-progett jaf li Andrew kien talbu biex jaghmlu parti mill-progett bhala barther, li kien bejn wiehed u iehor xi elfejn euro. Huwa kkonferma li fil-bidu tax-xoghol kien gie msemmi xi barther pero' l-figura dwar il-barther qatt ma kienu ftehmu fuqha fil-bidu. Mistoqsi ghaliex fl-istatement hemm indikat is-

somma ta’ €7,806.07 waqt li hu qed jitlob fl-avviz tieghu is-somma ta’ €8,031.16 qal li effettivament il-barther ma kienx sar kollu.

**Keith Camilleri** rega’ xehed fl-10 ta’ Dicembru 2012 fejn esebixxa email datata 31 ta’ Jannar 2008 li huwa kien baghat lil Andrew Farrugia. Dan id-dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument Z1. Mistoqsi jekk eventwalment din l-email waslitx ghand Andrew Farrugia wiegeb li effettivament wara hames minuti li kien baghat din l-email, is-sur Farrugia kien cempillu, u ikkonfermalu x-xoghol u filfatt staqsa lix-xhud meta jistghu jibdew bix-xogholijiet.

Rat illi **Vincent Mifsud** ipprezenta affidavit fis-seduta ta’ l-10 ta’ Dicembru 2012 fejn fiha ddikjara li huwa kien impjegat ma’ Far-Fetched Media Limited, bejn is-snin 1999 u 2009 u kien responsabbli mir-reklamar tal-kumpanija. Huwa kien ikellem klijenti differenti biex jirreklamaw tramite l-kumpanija li kien jahdem maghha huwa.

Huwa spjega li kien ghamel kuntatt mal-kumpanija Mediterranean Buildings Finishes Limited ghax kienet tirreklama fuq stazzjon li kienu jiehdu hsieb il-bejgh tar-reklami huma bhala Far-Fetched Media Limited. Keith Camilleri ta’ Mediterranean Buildings Finishes Limited, kien mar fuq il-post gewwa Haz-Zebbug li kellu jkun stazzjon tat-television li kellu jitmexxa minn Far-Fetched Media Limited, u dan sabiex ikejjel u jaghti stima tax-xoghol ta’ finishing tal-post.

Dak iz-zmien meta rega’ ghamel kuntatt ma’ Mediterranean Buildings Finishes Limited, ma kellhomx bejgh ta’ reklamar x’jaghmlu, peress li l-istazzjon tal-Far

Fetched Media Limited kien ghadu maghluq, u hu kien ghamel kuntatt maghhom fejn infurmhom li kien se jsir stazzjon u li kien hemm il-bzonn ta' finishes. Ix-xhud kien staqsa lil Keith Camilleri jekk kienx lest li jigi jaghti stima tax-xoghol, bil-premessa li jsir bartering mal-istazzjon. Huwa sostna li x-xoghol ta' suppliers li sar fil-fond fejn kien se jsir l-istazzjon, sar permezz ta' bartering.

Huwa kompla jispjega li hu kien talab lil Camilleri biex imur fuq il-post peress li x-xhud kien ghen lill-kumpanija Far-Fetched Media Limited sabiex tlesti l-istudios taghha. Peress li l-kumpanija kienet wahda zghira, huwa kien imidd idejh ghal affarijiet li hemm bzonn da parti tal-kumpanija biex isir ix-xoghol.

Wara li Camilleri kien mar ikejjel, hu kien laqqghu mad-direttur Andrew Farrugia, li kienu tkellmu dwar ix-xoghol. Huwa ddikjara li ma kienx prezenti ghal-laqgha li saret bejn Farrugia u Camilleri. Huwa jaf li kien hemm ftehim ta' bartering bejn is-socjeta' attrici u Far-Fetched Media Limited fis-sens li s-socjeta' attrici taghmel xoghol ta' finishes u Far-Fetched Media Limited taghti reklami lis-socjeta' attrici fuq l-istazzjon taghha, hekk kif jinfetah l-istazzjon.

Huwa spjega li meta imur klijent ghand il-kumpanija, meta jsir ir-reklamar dan ikun mill-account tieghu halli jkun jista' jiehu l-commission huwa stess, ghalhekk meta ftehmu l-Far Fetched Media Limited ma' Mediterranean Buildings Finishes Limited, huwa kien jibbukja r-reklami ghal Mediterranean Buildings Finishes Limited u kien jikteb li l-hlas sar permezz ta' bartering.

Rat l-affidavit tal-konvenut **Andrew Farrugia** li gie prezentat fis-16 ta' Jannar 2013 fejn fih iddikjara li hu d-direttur tas-socjeta' Far-Fetched Media Limited u

cioe' l-kumpanija li kienet tiehu hsieb l-amministrazzjoni u l-immanigjar tal-istazzjon televiziv Family TV u li hu ghan-nom taghha kien jaghmel kuntatt ma' suppliers, kuntratturi u nies ohra ghar-reklamar u xogholijiet ohra in konnessjoni mal-istess stazzjon televiziv.

Huwa spjega li kien sar kuntratt ma' rapprezentant tas-socjeta' attrici minn certu Vincent Mifsud, li kien impjegat bhala Sales Person mal-kumpanija Far-Fetched Media Limited. Dan sar ghax il-kumpanija Far-Fetched Limited tara jekk is-socjeta' attrici hijiex interessata taghmel xi xoghlijiet ta' finishes fil-warehouse fejn kien qed jigi armat l-istazzjon tat-TV fuq bazi ta' bartering ghal reklamar. Waqt dan il-kuntatt kien hemm kundizzjoni li x-xoghol li jsir, isir a bazi ta' bartering biss permezz ta' reklamar fuq l-istess stazzjon bhala metodu ta' hlas. Kien hemm kundizzjoni minn naha tas-socjeta' attrici li jkunu lesti jaghmlu x-xoghol a bazi ta' bartering jekk l-istazzjon il-gdid, jghin lil kandidat li jigi hu l-mara ta' direttur tas-socjeta' attrici biex jghinu jidher aktar fuq il-mezz tax-xandir il-gdid.

Il-konvenut ikkonferma li hu la f'isem il-kumpanija u lanqas f'ismu personali ma ffirma dokument jew stima ta' xoghlijiet li qeghdin jghidu li ghamlu s-socjeta' attrici. Huwa stqarr li r-rapprezentanti tas-socjeta' attrici baqghu jaghmlu kuntatt mieghu biex jaghmlu x-xoghol u l-ftehim kien li x-xoghol isir a bazi ta' bartering u permezz ta' reklamar fuq l-istazzjon.

Huwa jiftakar li s-socjeta' attrici kienu damu wisq biex lestew ix-xoghol u hadu aktar zmien milli miftiehem u b'hekk l-istazzjon fetah aktar minn hmistax tard. Huwa sostna li kull darba li kien isemmilu biex jaghmlu l-kontijiet, id-diskors

dejjem kien li issa jirrangaw. Il-konvenut qatt ma nghata stima u kont finali tax-xoghol hlief meta bdew jinstemghu dawn il-proceduri fil-Qorti.

Il-konvenut irrefera ghall-kontro-ezami li sar lis-Sur Camilleri u cahad li ghamel kuntatt mieghu permezz tat-telefon biex jikkonfermalu x-xoghol wara li baghtlu xi e-mail. Is-Sur Camilleri kien dejjem jiffittah biex jaghtih ix-xoghol u tant iffittah li l-konvenut ghan-nom tal-kumpanija kien prattikament kostrett jaccetta li jaghmel dawn ix-xogholijiet.

Huwa spjega li jekk qatt sar xi skambjar ta' emails bejnu u s-sur Camilleri, dan kien minn naha tal-konvenut ghan-nom tal-kumpanija Far-Fetched Media u s-Sur Camilleri ghan-nom tas-socjeta' attrici. L-email address li kien juza l-konvenut mal-kuntatti li kellha l-kumpanija jixhed dan ghax hu dejjem uza l-email tax-xoghol u cioe' drew@familytv.com.mt, liema e-mail kien tal-kumpanija.

**Andrew Farrugia** rega' xehed fl-24 ta' Gunju 2013 fejn ikkonferma li Vincent Mifsud kien impjegat taghhom. Huwa kien ukoll *instructed* minn ghand ix-xhud sabiex il-kuntrattur jahdem bil-premessa ta' barter ghax-xoghol ta' tibjid. Ghalhekk kien hu li ta lil Vincent Mifsud dan l-inkarigu. Ix-xhud spjega li Keith Camilleri kien qed jigri warajh dak iz-zmien peress li ma kellux xoghol. Huwa kkonferma wkoll li huwa u Keith iltaqghu fuq is-sit. Fil-fatt kien gabu Vincent Mifsud fuq is-sit. Naturalment huwa ddiskuta ma' Keith Camilleri x-xogholijiet li kellhom isiru. Effettivament ix-xoghlijiet li ftehmu dwarhom saru. Huwa kkonferma li s-socjeta' attrici hadmet fuq il-post. Ix-xhud iddikjara li ftehim bil-miktub dwar bartering ma kienx hemm pero' kkonferma li l-bartering sar ghax

effettivament l-atturi uzawh. Ghalhekk qal li l-ftehim kien ghas-somma kollha li kellu jkun hemm bartering.

Inghad li meta x-xhud kien qed jixhed quddiem il-Qorti, huwa kien xehed differenti fejn kien qal li l-ftehim kien ghal parti. Huwa spjega li l-parti ma kienx gie definit u l-ammont ma kienux ftehmu dwaru. Ix-xhud tenna li s-socjeta’ attrici bhala bartering kienet hadet minn ghandhom dak li invojsjawhom ghaliha. Huwa gie muri dokument li hu esebit fil-process a fol 33 immarkat bhala Dokument F u qal li dik hija invoice tal-parti tal-barter li uza sa dak iz-zmien indikat fl-istess invoice.

Huwa ddikjara li l-ewwel darba li sar jaf li kellu jhallas kien meta rcieva l-karti mill-Qorti. Ix-xhud sostna li qatt ma rcieva ittri qabel biex ihallas. Ma kienx hemm korrespondenza bejn is-socjeta’ attrici u hu. Huwa stqarr illi l-business tieghu kien lahaq ghalaq u kien ghalhekk li s-socjeta’ attrici ma haditx xoghol iehor wara l-invoice ta’ fol 33. Fil-fatt illum-il gurnata huwa qal li jekk kellu jikkwantifika x-xoghol kollu li huwa ghamel ghas-socjeta’ attrici, illum-il gurnata qal li huwa stess jigi l-kreditur u mhux hi. Ghal kandidat li huwa kien qed isemmi fl-affidavit tieghu beda jfisser ghal Stefan Buontempo, is-Segretarju Parlamentari.

Rat l-affidavit ta’ **Elizabeth Farrugia** li gie pprezentat fit-13 ta’ Frar 2013 fejn iddikjarat li hija direttrici flimkien mar-ragel taghha Andrew Farrugia tas-socjeta’ Far-Fetched Limited u cioe’ l-kumpanija li kienet tiehu hsieb l-amministrazzjoni u l-immanigjar tal-istazzjoni televiziv Family TV. Hija spjegat illi kienet tiehu hsieb l-accounts tal-kumpanija u gieli kienet taghmel kuntatt ma’ suppliers, kuntratturi u nies ohra ghar-reklamar u xoghlijiet ohra in

konnessjoni mal-istess stazzjon televiziv, izda fil-kaz tal-kumpanija attrici stqarret illi qatt ma kellha kuntatt maghhom.

Ix-xhud spjegat illi kien sar kuntatt minn wiehed mis-sales people taghhom li kien jismu Vince Mifsud, ma' rapprezentant tas-socjeta' Mediterranean Finishing Building Ltd (MFBL) sabiex il-kumpanija Far-Fetched tara jekk MFBL hix interessata taghmel xi xoghlijiet ta' finishes fil-warehouse fejn kien qieghed jigi armat l-istazzjon tat-TV. Waqt dan il-kuntatt kien hemm riferenza ghal fatt li x-xoghol li jsir beda jsir abbazi ta' bartering permezz ta' reklamar fuq l-istess stazzjon televiziv.

Hija kkonfermat li la hi f'isem il-kumpanija u wisq inqas f'isimha personali ma ffirmat dokument jew stima ta' xoghlijiet li qeghdin jghidu li ghamlu s-socjeta' MFBL f'dan il-mahzen gewwa Haz-Zebbug. Ix-xhud tiftakar li MFBL kienu damu biex ilestu x-xoghol u x-xoghol li ghamlu MFBL kien ha aktar zmien milli miftiehem u b'hekk l-istazzjon kien dam biex jiftah aktar minn hmistax tard. Ix-xhud iddikjarat illi la l-kumpanija u lanqas huma qatt ma rcievew kont jew stima finali tax-xoghol li kien sar, qabel ma saru jafu b'din il-kawza.

**Keith Camilleri** xehed fid-29 ta' Mejju 2013 fejn ikkonferma li l-email esebita fl-atti a fol 94 hija l-email li kienet intbaghtet minnu. Mistoqsi jekk irceviex konferma ghal din l-email wiegeb li effettivament konferma bil-miktub ma kienx ircieva ghax il-ftehim kien sar b'mod verbali. Filfatt wara li hu kien baghat din l-email is-sur Farrugia kien kellmu wara hames minuti u talbu biex jibda l-ghada u hu hekk ghamel. L-email filfatt hija datata 31 ta' Mejju 2008.

Mistoqsi kemm damu x-xoghlijiet ghaddejin wiegeb li damu xi xahrejn. Huwa kien hareg kont finali meta lesta x-xoghlijiet. Ix-xhud gie muri dokument a fol 90 u dan huwa l-*original quotation* li hu kien baghat lill-konvenuti. Effettivament huma kienu hargu invoice wara li lestew ix-xoghol u l-kont finali huwa dak esebit fl-atti a fol 11/12 tal-process.

**Keith Camilleri** rega' xehed fit-13 ta' Novembru 2013 fejn saritlu referenza ghall-istima originali li harget minnhom li tinsab a fol 90 tal-process u ghall-kont finali tax-xoghlijiet li tinsab fl-atti a fol 11 tal-process. Huwa jaqbel li l-valuri fuq dawn iz-zewg dokumenti huwa wiehed differenti. Ix-xhud spjega li ghall-ewwel l-inkarigu taghhom kien limitat ghal ftit xoghlijiet izda meta bdew bix-xoghol Andrew beda jzidilhom l-ordni.  Fil-fatt dawn ix-xoghlijiet saru u ghalhekk il-kont finali huwa akbar. Mistoqsi jekk qattx kellhom xi ilment waqt li kien qed isir ix-xoghol wiegeb li le ma kellhomx. Huwa saritlu referenza ghall-kont finali, ghat-tieni pagna tieghu li jinsab esebit fl-atti a fol 12. Mistoqsi jispjega kif wasal ghas-somma hawn mitluba wiegeb li l-kont hawnhekk jirrisali ghas-somma ta' €7,806.7 u qal li kienu qatghu elf minnhom ghax kienu ftehmu ma' Andres Farrugia li dik l-elf kellha ssir elfejn fil-barther u ghalhekk ikollok €6,806.7 oltre il-VAT li jigi l-ammont mitlub minnhom fir-rikors promotur. Dwar il-barther huwa stqarr li l-ftehim kien wiehed fis-sens li kienu ser jaqtghu elf mis-somma mitluba minnhom u jaghtihom elfejn ghar-reklamar fuq l-istazzjon tieghu.

Ix-xhud gie muri dokument F a fol 33 tal-process u spjega li dan huwa l-ftehim li kien hemm dwar dan il-barthering in kwistjoni. Dan huwa l-uniku ftehim li huma kellhom dwar il-*barther*, u spjega li qabel ma fethu din il-kawza odjerna il-kumpanija attrici kienet baghtet ittra ufficcjali lill-konvenut. Huwa esebixxa

din il-kopja li giet immarkata dokument Z1. Pero' ma rcevewx risposta bil-miktub ghal din l-ittra ufficjali. Il-konvenut dejjem kien jghid li ser ihallas pero' l-hlas ma wasal qatt. Huwa esebixxa email li l-Qorti mmarkat bhala dokument Z2. Din hija email mibghuta minn Vince Mifsud li kien jahdem mas-socjeta' konvenuta fejn wara li kien baghtlu email biex ifakkru fil-pagament, kien qalilhom li kien baghat l-email tax-xhud lill-accounts department sabiex jahdmu fuqha. Ix-xoghol kien jigi dirett lix-xhud mis-sur Andrew Farrugia waqt li huwa kien ikun on site, xi tlett darbiet fil-gimgha. Waqt li kien ikun hemm is-sur Farrugia kien jiddiregieh dwar l-aktar xoghol li jaghmel. Mistoqsi jekk effettivament din l-ittra ufficcjali 4823/09 gietx notifikata lill-konvenuti wiegeb li le ghax kienet giet lura *unclaimed.*

**Vincent Mifsud** xehed in kontro-ezami fit-2 ta' Lulju 2014 fejn ikkonferma li effettivament huwa kien laqqa' lil Keith Camilleri ghan-nom tas-socjeta' attrici mad-direttur tal-kumpanija ta' Andrew Farrugia. Huwa tenna li dan kien l-unika kuntatt li kellu qabel ma bdew ix-xoghlijiet. Huwa ma kienx involut f'tip ta' xoghol li kien rikjest mis-socjeta' attrici izda kien involut biss biex isib min seta' jaghmel ix-xoghol permezz ta' *bartering agreement*. Meta huwa fl-affidavit tieghu qal li x-xoghol in kwistjoni sar permezz ta' bartering ma jistax jghid jekk effettivament kienx hemm xi ftehim bil-miktub f'dan is-sens. Meta sussegwentement Andrew Farrugia ltaqa' mas-socjeta' attrici x-xhud ma kienx prezenti u ghalhekk huwa ma jaf xejn dwar il-ftehim li kienu ftehmu dakinhar. Ix-xhud stqarr illi ma jafx jekk effettivament wara li tlestew ix-xoghol is-socjeta' attrici bdietx titlob il-hlas jew le. Huwa kull ma kien responsabbli huwa tar-reklamar jekk is-socjeta' attrici kienetx se taghmel reklamar maghhom u sussegwentement kien jigbor il-kummissjoni tieghu. Mistoqsi jafx jekk il-bartering in kwistjoni sarx jew le wiegeb illi jissoponi li sar ghaliex ix-xoghlijiet li kellhom jaghmlu s-socjeta' attrici filfatt saru. Huwa gie muri numru ta' emails

li jinsabu inseriti fl-atti a fol 117, 118 u 119 tal-process u fil-fatt ikkonferma li din hija korrispondenza li giet skambjata bejnu u bejn Keith Camilleri rigwardanti x-xoghol. Huwa ddikjara li ma kienx involut fis-sistema tal-accounts tas-socjeta' konvenuta.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar il-15 ta' Mejju 2012 fejn kienet irrevokat is-sentenza moghtija minn din l-istess Qorti kif preseduta nhar it-23 ta' Novembru 2011 fejn kienet laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Andrew u Elizabeth Farrugia li ma kinux l-legittimi kontraditturi u iddikjarat li l-istess konjugi Farrrugia huma il-legittimi kontraditturi u ghalhekk dik il-Qorti tal-Appell irrinvjat l-atti quddiem din il-Qorti sabiex tkompli tipprosegwi bis-smiegh tal-kawza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti kif prezentata fl-atti nhar l-1 ta' Settembru 2014 (fol. 150) u dik prezentata mis-socjeta' attrici fl-atti nhar it-30 ta' Ottubru 2014 (fol. 156).

Semghet lill-partijiet jiddikjaraw li ma kellhomx xi jzidu man-noti taghhom u talbu lil din il-Qorti nhar is-7 ta' Jannar 2015 sabiex tghaddi ghas-sentenza finali.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-Qorti naturalment qed tastjeni milli tippronunzja ruhha dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti stante li din gja giet trattata mill-Qorti tal-

Appell f'sentenza gja fuq riferita moghtija fl-ismijiet premessi nhar il-15 ta' Mejju 2012. Illi ghalhekk din il-Qorti sejra issa tittratta it-tieni eccezzjoni u cioe' dik tal-preskrizzjoni sollevata ai termini tal-**Artikolu 2148(a) tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta.

**Kunsiderazzjonijiet legali dwar il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2148 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Min jaghti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju skond liema terminu preskrittiv ikun applikabbli. Ikun imbaghad jispetta lill-attur-kreditur li jiddefendi lilu nnifsu billi jaghzel it-triq u l-mezzi li taghtih il-ligi biex jinnewtralizza tali eccezzjoni.

Innegabilment, l-accertament tad-dekorrenza taz-zmien tikkostitwixxi indagini ta' fatt u dan jimporta illi inizzjalment jinkombi fuq il-konvenut li jissolleva l-preskrizzjoni, li ghandu, bhala fatt, jissodisfa, bi prova essenzjali, li t-terminu statutorju preskrittiv kien ghadda. Wiehed ma jridx jinsa li l-element kostituttiv ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi l-manifestazzjoni, f' sens inekwivoku, tal-volonta` tal-parti li ggib 'il quddiem l-estinzjoni bid-dekors taz-zmien tal-kreditu azzjonat fil-konfront tieghu. U allura logikament hu mistenni li l-konvenut jiddeduci, in sostenn tad-difiza tieghu, prova tad-data tad-dekorrenza ghall-iskop tal-komputa tal-perijodu preskrizzjonali; (vide **Martinelli Luciano Noe Vs Pisani Saviour** deciza mill Qorti ta l-Appelli sede Inferjuri deciza 22 ta Gunju 2005).

Fis-sentenza li inghatat fl-ismijiet '**<u>Edgar Causon Noe vs Abdelsalam A. Sheibani Noe',</u>** deciza mill-Onorabbli Qorti ta l-Appell nhar il-11 ta' Marzu 2001 inghad illi:

*"Il-kuntratt ma jbiddilx is-sostanza tieghu mill-fatt jekk giex redatt bil-miktub u b'mod pjuttost dettaljat u kompless. Biex tigi determinata liema hija l-preskrizzjoni applikabbli ghal azzjoni partikolari wiehed irid jezamina d-disposizzjonijiet partikolari tal-kuntratt li minnu titwieled l-azzjoni u fl-ewwel lok jistabbilixxi s-sustanza tar-relazzjoni guridika ezistenti bejn il-partijiet. Fil-kaz in dizamina l-attur qieghed jagixxi biex ikun kanonizzat kreditur tal-konvenut fis-somma msemmija fic-citazzjoni allegatament dovuta bhala bilanc tal-prezz ta' xoghlijiet ta' injam. Ma hemmx dubju li din l-azzjoni attrici hi prettament naxxenti u bazata fuq kuntratt ta' appalt li jinkwadra ruhu - ghal dik li hija preskrizzjoni - fl-art. 2149 tal-Kodici Civili."*

Illi fil-kaz in ezami jidher li l-konvenuti kienu taw appalt lis-socjeta' attrici sabiex tghamel xi xoghol ta' tibjid u finishings fil-proprjeta' taghhom konsistenti f'mahzen gewwa Haz-Zebbug, liema mahzen kellu jintuza bhal studio ghall-istazzjon televisiv Family Channel. Il-ftehim li fuqu hu bbazat dan l-inkarigu qatt ma sar bil-miktub ghalkemm is-socjeta' attrici kienet ipprovdiet stima dwar ix-xoghlijiet li assumiet li tesegwixxi.

Il-kuntratt tal-appalt ghax-xoghol li sar mis-socjeta attrici ma jbiddilx is-sostanza tieghu mill-fatt jekk giex redatt bil-miktub jew jekk sarx verbalment. Biex tigi determinata liema hija l-preskrizzjoni applikabbli ghall-azzjoni partikolari wiehed irid jezamina d-dispozizzjonijiet partikolari tal-kuntratt li

minnu titwieled l-azzjoni u fl-ewwel lok jistabbilixxi s-sustanza tar-relazzjoni guridika ezistenti bejn il-partijiet.

Fil-kaz in dezamina, is-socjeta' attrici qieghda tagixxi gudizzjarjament biex tkun kanonizzata kreditrici tal-konvenuti fis-somma msemmija fir-rikors promotur allegatament dovuta bhala prezz ta' xoghol ta' appalt li sar fil-proprjeta' tal-konvenuti, f'liema prezz hemm inkluz ukoll il-fornitura ta' materjal, u tqeghid tax-xoghol fil-post indikat mill-konvenuti (vide Dok X fol. 11).

Fil-kawza fl-ismijiet '**Tommaso Pace noe -vs- Salvatore Muscat**', deciza mill-Qorti ta' l-Appell, Sede Inferjuri, fit-18 ta' Mejju 1929, gie rilevat illi d-disposizzjoni ta' l-Art 1912 (illum 2148 (a)) ta' l-Ordinanza VII tal-1868 *"non e' applicabile a coloro che esercitano una impresa per il loro credito per le opere da loro eseguite e pei materiali da loro forniti …" ;*

**L-Artikolu 2148(a)** jirreferi ghalhekk ghall-krediti tal-artefici li jipprestaw l-opera taghhom u mhux appaltatur ta' l-opra li ghaliha l-materjali jkunu servew (Kollez. Vol XLI.i.347) filwaqt li l-preskrizzjoni kontemplata fl-**Artikolu 2149(a)** tirreferighall-krediti ta' dawk li fihom ikun prevalenti l-karattru ta' spekulaturi, u li, aktar minn opra, jipprestaw xoghol – '*opus*' '*minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xoghlijiet u minghajr qies tal-importanza tas-somministrazzjonijiet.*' - Kollez. Vol XLII.iii.1151; **Joseph Grech -vs- Emanuela Camilleri et**, Appell Kummercjali, 21 ta' Marzu 1977; **Gio Maria Camilleri -vs- John Licari et**, Appell Kummercjali, 16 ta' Ottubru 1972; **Francis Bugeja nomine -vs-Indri Mercieca**, Appell, 29 ta' Mejju 2000. Dawn is-sentenzi kollha

ghamlu d-distinzjoni bejn id-dispost tal-ligi hawn ezaminat (**Art 2148 (a))** u l-**art. 2149(a)** li mieghu ghandu certu affinita'.

Fuq il-bazi tal-fatt maghruf, il-preskrizzjoni eccepita mill-konvenut fil-kawza ma hijiex applikabbli;

Illi tkun inutili kull indagini biex wiehed jara jekk l-odjerna azzjoni tas-socjeta' attrici taqax bi preskrizzjoni ohra u dan ghaliex l-konvenuti fil-kawza odjerna invokaw biss wahda mill-preskrizzjonijiet partikolari kontemplati fis-subtitolu IV, tat-Titolu XXV, tat-Taqsima II tal-Kodici citat, u din l-Qorti ma tistghax, jekk dik invokata tirrizulta insostenibbli, tfittex biex jara jekk hix applikabbli xi preskrizzjoni ohra partikolari li ma tkunx giet invokata [artikolu. 2111 tal-Kodici Civili], u lanqas tista' tikkonsidra ebda preskrizzjoni ohra hlief dik specifikatament eccepita (**Perit Victor Muscat –vs-Edgar Tabone**, Appell Civili, 18 ta' Frar 1963; **Paul Xuereb –vs-Amabile Fiott**', Appell Sede Inferjuri, 3 ta' Dicembru 1975). Il-Qorti tal-Kummerc espremiet ruhha f'dan is-sens:-

'*Il-konvenut ma ssolleva ebda eccezzjoni ohra ta' preskrizzjoni u l-Qorti ma tistax tikkonsidra jew tapplika preskrizzjoni li ma gietx espressament imsemmija, u ma tistax tapplika terminu iehor ta' preskrizzjoni*' – **George Cini –vs-Rita Camilleri**, 26 ta' Lulju 1979.

Bl-istess mod esprimiet ruhha il-Qorti Civili Prim'Awla fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet '**Ronald Nauci vs Unispeed Shipping and Forwarding Ltd.'**, deciza nhar is-26 ta' Gunju 2003: '*Minhabba dak li jipprovdi l-**artikolu 2111 tal-Kap 16**, il-Qorti hija marbuta li tqis biss il-preskrizzjoni specifika mressqa*

*mill-imharrek u ma tistax minn rajha tqis li jezisti terminu preskrittiv iehor (ukoll jekk dan jezisti), ghaliex, jekk isir dan, il-Qorti tkun qeghda tindahal u tissupplixxi ghall-parti eccipjenti f'materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizzjattiva*.' ;

Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost, it-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuti dwar il-preskrizjoni ai termini tal-**Artikolu 2148 (a) tal-Kapitolu 16** qed tigi respinta.

Isegwi ghalhekk li din il-Qorti titratta it-tielet eccezzjoni u cioe' dik li x-xoghol ma sarx skond il-kwalita' pattwita u mhux skond is-sengha u l-arti.

In-natura tal-kuntratt ta' appalt kienet trattata fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-9 ta' April 1968 fil-kawza '**<u>Busuttil vs Fedele et'</u>** fejn kienet citata s-sentenza ta' l-Qorti tal-Kummerc moghtija fid-9 ta' Marzu 1939 fil-kawza '**<u>Micallef vs Mamo et noe'</u>** (Vol.XXX.III.433). Fis-sentenza citata, din il-Qorti qalet hekk:

*"... il-kuntratt ta' appalt huwa kuntratt bilaterali u dejjem soggett ghal patt kommissorju tacitu. Konsegwentement meta d-difetti fl-ezekuzzjoni jkunu ppruvati, il-kriterju essenzjali tad-decizjoni tinsab fl-ezami jekk ix-xoghol ikunx affett jew le minn vizzji sostanzjali. Dawn huma dawk id-difetti, imsejhin ukoll essenzjali, li jipprivaw il-haga mill-iskop jew mill-utilita' taghhom b'mod li ma tibqax tikkorrispondi ghad-destinazzjoni proposta mill-kommittent u ndikata min-natura stess tax-xoghol waqt li l-ohrajn kollha ghandhom jigu ritenuti*

*mhux essenzjali. Meta d-difetti jkunu essenzjali, l-kommittent ghandu d-dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt minhabba l-inadempjenza.*

*Meta ghal kuntrarju d-difett ma jkunx sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jigi ritenut inadempjenti pero' jibqa' obbligat li jirripara d-difetti jew jaccetta riduzzjoni. "*

Din is-sentenza kienet segwita mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Kummerc) tat-22 ta' Gunju 1994 fil-kawza '**Bonnici noe vs Sammut'**.

Din il-Qorti jidhrilha li ghandha tikkonferma u taghmel taghha l-principji ta` dritt li jirregolaw il-kondotta tal-appaltatur, u li sintesi akkurata taghhom hija migbura fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza '**Darmanin vs Agius'** li kienet deciza fid-9 ta` Ottubru 2004. Il-Qorti qalet hekk:

Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li `l quddiem juri difetti.

"L'imprenditore ha l`obbligo di eseguire bene l`opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (Kollez Vol. XXVII pI p373). Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu" (Kollez Vol XL pI p485);

It-tieni principju jghid illi "l-*appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina*" (Kollez. Vol XXXVII pIII p883). Ghax kif jinsab ritenut ukoll "*f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmelx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghaddifetti li jigu `l quddiem*" (**Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe**, Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972). Dan hu hekk avolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (Kollez. Vol XLI pI p667) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent.

Issa fil-kaz in desamina, kif jirrizulta mix-xhieda fuq rapport tal-konvenuti, fl-ebda hin ma lmentaw li x-xoghol ma kienx sew jew li ma sarx skond is-sengha u l-arti u fil-fatt lanqas talbu ghal xi nomina ta' espert tekniku saiex jezamina x-xoghol li effettivament sar mis-socjeta' attrici. Jirrizulta li meta Keith Camilleri ghan-nom tas-socjeta' attrici kien ikun *on site,* Andrew Farrugia kien ikun prezenti ukoll u kien jaghti struzzjonijiet ta' dak li kellu jaghmel. Hadd minnhom ma jghid fix-xhieda tieghu li l-konvenut Andrew Farrugia kien talab lill-attur sabiex jirranga jew jikkoregi x-xoghol. Jidher li l-konevenuti kienu aktar interessati jipprovaw li effettivament kienu hallsu ghax-xoghol li sar permezz ta' barthering pero' prova dwar dan il-konvenuti ma resqux. Jinghad li ghalkemm il-konvenuti fl-eccezzjonijiet taghhom ma jghidux li halsu tal-appalt izda jecepixxu li x-xoghol sar hazin, fix-xhieda taghom huma jaghtu importanza ta' barthering li setgha kien hemm bhala *part payment* tal-hlas li kellu isir.

Din il-Qorti hija tenuta li tinvestiga id-difiza tal-konvenuti kif eccepita fl-eccezzjonijiet taghha u mhux kif tirrizulta minn xi trattazzjoni jew nota u

ghalhekk f'dan ir-rigward id-difiza tal-konvenuti kienet wahda li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti. Hadd mix-xhieda li resqu l-konvenuti ma jghidu li x-xoghol ma sarx tajjeb jew li kellhom xi lament dwaru. Keith Camilleri prodott mis-socjeta' attrici ukoll jghid li sakemm jirrizulta lilu, qatt ma gie infurmat li x-xoghol li kien esegwixxa ma kienx tajjeb. Jghid li l-uniku kwistjoni kienet titratta il-hlas li kellhom jaghmlu l-konvenuti.

Illi fix-xhieda il-konvenuti jipprovaw jghidu li l-ammont mhux dovut minhabba kwistjoni ta' barthering pero' eccezzjoni formali f'dan is-sens qatt ma taw fl-atti.

Illum il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hija li Qorti li ghandha quddiemha kawza, ghandha tillimita ruhha li tiddeciedi entro l-parametri tal-azzjoni u tal-eccezzjonijiet. Fil-kawza '**Carmelo Cassar noe vs Victor Zammit**' (App Civil 23.6.2004) il-Qorti qalet hekk:

*"Hu maghruf u anke accetat in linea ta' principju generali illi n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proceduri (Kollezz Vol. XLVII pt 1 pg 85). Dan b'mod li l-Qorti ma tistax tiddeciedi fuq xi dritt iehor li jkun irrizulta anke ghaliex, kif ritenut mhux lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espresso fic-citazzjoni."*(Kollezz Vol. LVIII p II p777).

**Ghalhekk fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti qieghda tichad it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenuti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni dwar l-ewwel eccezzjoni stante li din gja giet trattata u deciza b'sentenza moghtija**

**mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet premessi nhar il-15 ta' Mejju 2012 u qieghda tilqa' it-talba attrici b'dan illi qieghda tikkundanna lill-konvenuti in solidum ihallsu lis-socjeta' attrici is-somma mitluba fir-rikors promotur fl-ammont ta' tmint elef u wiehed u tletin Ewro u sittax-il centezmu (€8,031.16) u dan ghall-istess ragunijiet imsemmija fir-rikors promotur.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Ittra Ufficcjali numru 4823/09 tat-3 ta' Settembru 2009 u bl-imghax kif mitlub fir-rikors promotur dekorribli b'effett mill-5 ta' Marzu 2008 sad-data tal-pagament effettiv.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------